



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 101/24

Il-Lussemburgu, 18 ta' Ġunju 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-352/22 | Generalstaatsanwaltschaft Hamm (Talba għal estradizzjoni ta' refuġjat lejn it-Turkija)

### L-għoti tal-istatus ta' refuġjat fi Stat Membru tipprekludi l-estradizzjoni tal-parti kkonċernata lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha

*Sakemm l-awtorità li tat dan l-istatus ma tkunx irrevokat jew irtirat tali status, il-parti kkonċernata ma tistax tiġi estradata, indipendentement mir-raġunijiet li jsostnu t-talba għal estradizzjoni*

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li ċittadin ta' pajjiż terz ma jistax jiġi estradat, minn Stat Membru, lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu meta jkun ġie rrikonoxxut lill-istatus ta' refuġjat fi Stat Membru ieħor. L-awtorità adita bit-talba għal estradizzjoni għandha tikkuntattja lill-awtorità li tkun tat dan l-istatus. Sakemm din tal-aħħar ma tkunx irrevokat jew irtirat tali status, il-persuna kkonċernata ma tistax tiġi estradata.

It-Turkija talbet lill-Ġermanja testradixxi ċittadin Tork ta' oriġini Kurda, suspettat b'omiċidju.

Il-qorti Ġermaniża li kellha tagħti deċiżjoni fuq din it-talba qajmet il-kwistjoni dwar jekk il-fatt li l-persuna kkonċernata, li kienet ingħatat l-istatus ta' refuġjat fl-Italja fl-2010 għaliex kienet friskju ta' persekuzzjonijiet politiċi mill-awtoritajiet Torok minħabba l-appoġġ tagħha għall-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK), kienx jipprekludi l-estradizzjoni.

Billi din il-kwistjoni kienet taqa' taħt is-sistema Ewropea tal-ażil u kif ukoll taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-qorti Ġermaniża ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja domanda dwar dan is-suġġett.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirispondi li l-għoti tal-istatus ta' refuġjat fl-Italja jipprekludi l-estradizzjoni tal-persuna kkonċernata lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha li minnu tkun ħarbet. Sakemm l-awtoritajiet Taljani ma jirrevokawx jew jirtiraw dan l-istatus, l-estradizzjoni għandha tiġi rrifjutata<sup>1</sup>. Fil-fatt, tali estradizzjoni twassal, fir-realtà, għat-tmiem tal-imsemmi status.

L-awtorità kompetenti Ġermaniża għandha, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, tikkuntattja lill-awtorità Taljana li tat l-istatus ta' refuġjat.

Jekk l-awtorità Taljana tirrevoka jew tirtira l-istatus ta' refuġjat wara dan il-kuntatt, l-awtorità Ġermaniża għandha tasal hija stess għall-konklużjoni li l-persuna kkonċernata ma għandhiex jew ma għadx għandha l-kwalità ta' refuġjat<sup>2</sup>. Barra minn hekk, hija għandha tiżgura li ma jkun hemm l-ebda riskju serju li, fil-każ ta' estradizzjoni, il-persuna kkonċernata tkun suġġetta fit-Turkija għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra li inumani jew degradanti.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza, madankollu, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma stabbilixxiex, f'dan l-istadju, prinċipju li jgħid li l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu awtomatikament id-deċiżjonijiet li jagħtu l-istatus ta' refuġjat adottati minn Stat Membru ieħor. L-Istati Membri huma għalhekk liberi li jissuġġettaw ir-rikonoxximent tad-drittijiet kollha marbuta mal-istatus ta' refuġjat fit-territorju tagħhom għall-adozzjoni, mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, ta' deċiżjoni ġdida li tagħti dan l-istatus.

<sup>2</sup> Fil-fatt, ir-rikonoxximent formali, minn Stat Membru, tal-istatus ta' refuġjat huwa biss ta' natura dikjarattiva. Għalhekk, ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li tissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti għandu, b'dan il-fatt biss, il-kwalità ta' refuġjat.